KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.12.2006
KUMM(2006) 777 finali

2006/0259 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skond l-Artikolu 6(2) tal-Prokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fil-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn l-UE u l-Messiku għandu jiġi maqbul permezz tat-Tieni Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim. L-istess Artikolu jipprovdi proċedura simplifikata, li permezz tagħha l-Protokoll għandu jiġi konkluż mill-Kunsill, li jopera unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz kkonċernat. Din il-proċedura hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi proprji tal-Komunità.

Fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill approva mandat għall-Kummissjoni biex tinnegozja Protokoll bħal dan mal-Messiku. Minn dakinhar in-negozjati ġew konklużi b'mod li tqies sodisfaċenti mill-Kummissjoni.

Il-proposti mehmuża huma dwar (1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tat-Tieni Protokoll Addizzjonali u (2) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali.

It-test tal-Protokoll hu mehmuż. L-aktar aspetti importanti tal-Protokoll huma dispożizzjoni għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Ftehim bejn l-UE u l-Messiku kif ukoll l-inklużjoni tal-lingwi l-ġodda uffiċjali ta' l-UE.

Ta' min wieħed jinnota li ż-żona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Messiku ġiet stabbilita permezz ta' Deċiżjonijiet li ġew wara tal-Kunsill Konġunt bejn l-UE u l-Messiku. Għaldaqstant, l-adattamenti neċessarji għad-dispożizzjonijiet kummerċjali se jsiru wkoll permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt u għaldaqstant mhumiex indirizzati f'dan il-Protokoll.

Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Kunsill biex japprova l-abbozzi mehmuża tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja, u l-konklużjoni tal-Protokoll.

Il-Parlament Ewropew ser jissejjaħ biex jagħti l-opinjoni tiegħu għal dan il-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 57(2), 71, 80(2), 133(1), 133(5) u 181, b'rabta ma' l-ewwel sottoparagrafu, l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tat-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tal-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha biex jinnegozja mal-Messiku t-Tieni Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Messiku, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-UE.

(2) Dawn n-negozjati ġew konklużi b'mod li tqies sodisfaċenti mill-Kummissjoni.

(3) It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali jistipula l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul tiegħu fis-seħħ.

(4) Soġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar 'il quddiem, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità.

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill qed jingħata l-awtorità li jaħtar persuna/i bis-setgħa li jiffirma(w), f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, it-Tieni Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min naħa, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-

oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea. It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom japplikaw b'mod proviżorju t-termini tat-Tieni Protokoll Addizzjonali, soġġett għad-dħul tiegħu fis-seħħ aktar tard.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2006/0259 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(2), 71, 80(2), 133(1), 133(5) u 181, b'rabta ma' l-ewwel sottoparagrafu, l-ewwel u t–tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu u l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikou 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tat-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tal-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) It-Tieni Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Messiku, min-naħa l-oħra, ġie iffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fil-[...].

(2) It-Tieni Protokoll Addizzjonali għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

It-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

IT-TIENI Protokoll Addizzjonali

għall-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ISLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TA' L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'l quddiem imsejħa "l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea",

L-KOMUNITA EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

L-ISTATI UNITI MESSIKANI,

minn hawn 'ilquddiem imsejħa "il-Messiku",

u

R-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

R-RUMANIJA,

Minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Istati Membri l-Ġodda",

BILLI l-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Messiku min-naħa l-oħra, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", ġie iffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000;

BILLI l-(ewwel) Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim dwar Partenarjat Ekonomiku, Koordinazzjoni u Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Messiku, min-naħa l-oħra, ġie iffirmat f'Mexico City fit-2 ta' April 2004 u fi Brussell fid-29 ta' April, 2004;

BILLI t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-Trattat ta' l-Adeżjoni") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005;

BILLI, skond it-Trattat ta' l-Adeżjoni u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tal-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-inkorporazzjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda mal-Ftehim għandha tiġi formalizzata permezz tal-konklużjoni ta' Protokoll mal-Ftehim;

BILLI l-Artikolu 55 tal-Ftehim jgħid: "Għall-iskop ta' dan il-Ftehim, 'il-partijiet' għandha tfisser, minn naħa, il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, skond l-oqsma rispettivi tagħhom ta' kompetenza, kif joħroġ mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, min-naħa l-oħra, il-Messiku",

BILLI l-Artikolu 56 tal-Ftehim jgħid: "Dan il-Ftehim għandhu japplika għat-territorju li fih it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea huwa applikat taħt il-kundizzjonijiet preskritti f'dak it-Trattat, minn naħa, u għat-territorju ta' l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra";

BILLI l-Artikolu 59 tal-Ftehim jgħid: "Dan il-Ftehim huwa mfassal doppjament fil-lingwa Daniża, Olandiża, Ingliża, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Taljana, Portugiża, Spanjola u Żvediża, b'kull test awtentiku indaqs";

BILLI l-(ewwel) Protokoll Addizzjonali jieħu kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea;

BILLI l-Ftehim ġie awtentiċizzat fil-verżjoni lingwistika Ċeka, Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka u Slovena bl-istess kundizzjonijiet bħall-verżjonijiet imfassla fil-lingwi oriġinali tal-Ftehim;

BILLI l-Komunità Ewropea, fid-dawl tad-data ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea jista' jkollha bżonn li tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll wara li tkun lestiet il-proċeduri interni kollha meħtieġa għad-dħul tiegħu fis-seħħ;

BILLI l-Artikolu 5(3) ta' dan il-Protokoll ikun jagħti lok għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha qabel ma jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għad-dħul tiegħu fis-seħħ;

FTEHMU kif ġej:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija qegħdin b'dan jiġu inkorporati bħala Partijiet għall-Ftehim dwar Parternarjat Ekonomiku, il-Koordinazzjoni u l-Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra.

Artikolu 2

Fi żmien sitt xhur mill-inizjalar ta' dan il-Protokoll, il-Komunità Ewropea se tikkomunika lill-Istati Membri u lill-Messiku l-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara u dik Rumena tal-Ftehim. Soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-verżjonijiet bil-lingwi l-ġodda jsiru awtentiċi skond l-istess kundizzjonijiet bħall-verżjonijiet imfallsa bil-lingwi preżenti tal-Ftehim.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali tal-Ftehim dwar is-Sħubija Ekonomika, il-Koordinazzjoni u l-Kooperazzjoni Politika

Artikolu 4

Dan il-Protokoll huwa mfassal doppjament fl-ilsien Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Slovakk, Sloven, Spanjol, Żvediż u Bulgaru, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun awtentiku l-istess.

Artikolu 5

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi ffirmat u approvat mill-Komunità Ewropea, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri u mill-Istati Uniti Messikani skond il-proċeduri rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tmiem tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Minkejja dak kollu li jingħad fil-paragrafu 2, il-Partijiet jaqblu li, sakemm jitlestew il-proċeduri interni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għal perjodu massimu ta' 12-il xahar mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jagħtu notifika li jkunu lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak l-iskop u l-Messiku jagħti notifika li jkun lesta l-proċeduri tiegħu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

4. In-notifika għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li għandu jkun id-depożitarju tal-Ftehim.

Magħmul f' _____, fi_____ fis-sena 2006 u

Fi ....., fi .....fis-sena 2006.

Għall-Komunità Ewropea	Għall-Messiku,
Isem, Pożizzjoni	Isem, Pożizzjoni